# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar, 2021.**

**Numru 7**

**Rikors numru 288/16/1 AL**

**Mario Aquilina**

**v.**

**Maria Viviana sive Vivian Psaila bħala kuratriċi ad litem ta' Sharon Psaila u b'digriet tal-11 ta' Settembru 2019 intervjenew fil-kawża Maria Viviana magħrufa bħala Vivien Psaila, Joseph Psaila, Etienne Psaila, Melanie Agius, Alison Duncan u Leander Psaila**

1. Din id-deċiżjoni titratta dwar digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja fil-11 ta' Settembru 2019 li bih awtorizzat lil Maria Viviana Psaila, Joseph Psaila, Etienne Psaila, Melanie Agius, Alison Duncan u Leander Psaila jintervjenu in *statu et terminis* f'kawża ta' separazzjoni u xoljiment u likwidazzjoni ta' komunjoni tal-akkwisti.

Fatti.

2. Il-fatti rilevanti għal finijiet ta' dan l-appell huma s-segwenti:

i. L-attur u Sharon Psaila żżewġu fl-4 ta' Diċembru 2001.

ii. B'digriet tas-17 ta' April 2015 il-Qorti Ċivili, Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja ordnat l-interdizzjoni ta' Sharon Psaila u nnominat lill-ommha bħala kuratriċi tagħha.

iii. B'deċiżjoni tad-9 ta' Frar 2016 il-Qorti tal-Appell ordnat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra d-deċiżjoni tat-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjoċesi ta' Malta tad-29 ta' April 2015 li ddikjarat null iż-żwieġ bejn Mario Aquilina u Sharon Psaila ċelebrat fil-Knisja Parrokjali ta' San Nikola Bari, Siggiewi fl-4 ta' Diċembru 2001.

iv. Fid-9 ta' Diċembru 2016 l-attur ippreżenta kawża ta' separazzjoni b'talba għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.

v. Sharon Psaila, permezz tal-kuratriċi tagħha, iddefendiet ruħha u pproponiet ukoll rikonvenzjoni.

vi. Fit-30 ta' Ġunju 2018 Sharon Psaila mietet.

vii. Wara l-mewt tagħha irriżulta li l-attur u Sharon Psaila kienu għamlu testment *unica charta* fl-24 ta' Mejju 2002 u li kien l-uniku testment li għamlet matul ħajjitha. B'dak it-testment, Sharon Psaila nnominat lill-attur bħala werriet universali tagħha.

viii. B'rikors preżentat fl-24 ta' Jannar 2019 l-attur talab lill-Qorti sabiex tastjeni milli tkompli tqis il-kawża minħabba li, *"10..... m'għadx hemm żwieġ li din l-Onorabbli Qorti tista' tħoll u għaldaqstant il-mertu ta' din il-kawża gie eżawrit"*.

ix. B'digriet mogħti fil-11 ta' Frar 2019 ċaħdet it-talba *"... għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta"*.

x. Fil-11 ta' Frar 2019 il-ġenituri u l-aħwa ta' Sharon Psaila ppreżentaw kawża 124/2019 (**Maria Viviana Psaila et v. Mario Aquilina**) u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex, *"(a) Tiddikjara null u bla effett it-testment unica charta li sar bejn il-konvenut u l-mejta Sharon Psaila fl-24 ta' Mejju 2002 atti Nutar Philip Said"*. Fir-rikors ġuramentat spjega:

> *"Illi l-atturi jikkontendu li tali testment unica charta atti tan-Nutar Philip Said tal-24 ta' Mejju 2002 huwa null stante li tali testment jista' jsir biss bejn il-miżżewġin u ġialadarba ż-żwieġ tal-partijiet ġie dikjarat null isegwi li meta sar it-testment unica charta fl-24 ta' Mejju 2002 il-partijiet ma kinux miżżewġin u għalhekk tali donazzjoni mogħtija minn Sharon Psaila permezz ta' dan it-testment unica charta tal-24 ta' mejju 2002 lill-*

> *konvenut hija nulla ex tunc kif del resto huma d-disposizzjonijiet kollha tal-istess testment unica charta"*.

xi. B'rikors preżentat fid-19 ta' Frar 2019 l-attur talab lill-Qorti sabiex skont l-Artikolu 806 tal-Kap. 12 tordna t-trasfużjoni tal-ġudizzju f'ismu bħala werriet ta' Sharon Psaila. B'digriet mogħti fid-19 ta' Novembru 2019 il-Qorti ddeċidiet li, *".... tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors odjern"*.

xii. B'rikors preżentat fid-19 ta' Awwissu 2019 Maria Vivian Psaila, Joseph Psaila, Etienne Psaila, Melanie Agius, Alison Duncan u Leander Psaila talbu lill-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja sabiex tagħtihom permess jintervjenu fil-kawża. L-attur wieġeb għat-talba.

xiii. B'digriet mogħti fil-11 ta' Settembru 2019 il-Qorti laqgħet it-talba. Digriet li ma fihx motivazzjoni.

xiv. B'rikors preżentat fis-17 ta' Settembru 2019 l-attur talab permess sabiex jappella mid-digriet tal-11 ta' Settembru 2019. Fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2019 il-Qorti laqgħet it-talba u fil-25 ta' Novembru 2019 l-attur appella mis-sentenza.

Konsiderazzjoni.

3. L-aggravju tal-attur hu li l-familjari ta' Sharon Psaila m'għandhom l-ebda interess f'dawn il-proċeduri iżda biss:

> *"21...... biża' li r-rikors tal-esponenti tad-19 ta' Frar 2019 jista' b'xi mod jew ieħor jaffetwa l-kawża li huma fetħu fil-konfront tal-esponenti u li preżentament qed tinstema' mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jekk dan l-istess rikors jiġi milqugħ. Ma jagħmlu ebda riferenza kif il-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-mertu tagħhom jistgħu jaffetwaw jew iwassal għal xi eżitu li jolqot l-interessi tagħhom.*
>
> *"22. Illi l-kawża li fetħu kontra l-esponenti, il-familjari ta' Sharon Psaila qegħdin jargumentaw li ġialadarba kien hemm annullament taż-żwieġ, it-testment unica charta tal-esponenti u Sharon Psaila huwa null ukoll. Dan l-argument iżda ma jsib ebda bażi fil-Liġi jew fil-ġurisprudenza. Il-fatt jibqa' li jekk jirnexxu f'dik l-azzjoni biss, il-familjari ta' Sharon Psaila jista jkollhom interess f'dawn il-proċeduri.*
>
> *"........*
>
> *"24. Illi ma hemm ebda indikazzjoni oħra fir-rikors ta' x'inhu preċiżament l-interess li għandhom il-familjari ta' Sharon Psaila f'dawn il-proċeduri u l-uniku ħaġa li donnha qed tikkonċernahom huwa t-trasfużjoni tal-ġudizzju. Ma tqajjem ebda punt ieħor dwar li jsaħħaħ it-teżi tagħhom li għandhom interess f'dawn il-proċeduri, u dan mhuwiex sorprendenti in vista tal-fatt li l-meritu ta' dawn il-proċeduri issa ġie eżawrit bil-mewt ta' Sharon Psaila".*

4. Hu minnu li fis-sentenza **Joseph Cassar Aveta nomine v. L-Avukat Dr. Raymond Zammit et nomine** tal-14 ta' Ġunju 1995, din il-Qorti qalet:

> *"8. Il-frażi 'b'sodisfazzjon tal-qorti' tindika l-eżerċizzju ta' stima diskrezzjonali tal-Qorti, li bħala regola ġenerali, għandha tiġi rispettata minn Qorti tat-tieni grad".*

5. Pero` m'huwiex magħruf x'kienu r-raġunijiet li wasslu lill-ewwel Qorti sabiex tilqa' t-talba tal-familjari ta' Sharon Psaila sabiex jintervjenu fil-kawża, ġialadarba d-digriet ma fihx motivazzjoni.

6. L-Artikolu 960 tal-Kap. 12 jipprovdi:

> *"Kull min juri b'sodisfazzjon tal-qorti li huwa għandu interess f'kawża li tkun miexja bejn partijiet oħra, jista' fuq rikors, jiġi mdaħħal in statu et terminis,bħala parti fil-kawża, f'kull waqt tagħha, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta'appell; iżda dan l-intervent fil-kawża ma jwaqqafx il-proċeduri tagħha".*

7. L-attur għamel riferenza għal deċiżjoni ta' din il-Qorti tal-24 ta' Novembru 2017 (**Primitive African Art Limited v. Henri Baudet et**) li fiha intqal:

> *"Finalment fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Mario Galea Testaferrata v. Prim Ministru, fl-10 ta' Jannar 2005, intqal li:*
>
> > *"Issa, fil-ligi taghna l-istitut ta' l-intervent fil-kawza hu regolat bl-Artikolu 960 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. L-interess mehtieg sabiex wiehed jintervjeni skond l-imsemmija disposizzjoni irid ikun interess guridiku, u cioe` interess sostanzjali u dirett fil-kawza u mhux semplicement interess fl-ezitu ta' dik il-kawza bil-hsieb li dak l- ezitu jista' talvolta jkollu implikazzjonijiet, pozittivi jew negattivi, f'kawza jew kawzi ohra futuri (ara, passim, Fogg Insurance Agencies Limited noe v. Simon Tabone u Angelo Abela v. Joseph Zahra u Napuljun Carabott Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) supra ). <u>Fi kliem iehor, l-intervenut fil-kawza jitlob li jintervjeni, u ghandu jigi ammess li hekk jintervjeni, biex jipprotegi l-interessi tieghu f'dik il-kawza partikolari u mhux f'kawza jew kawzi ohra li talvolta jistghu jigu intavolati</u>".*
>
> *"Din il-Qorti taqbel ma' u tabbraccja dan l-insenjament. Fil-kawza odjerna, il-Bank qed jitlob li jintervjeni mhux ghaliex ghandu interess dirett fil-kawza nnifisha izda ghaliex qed jipprospetta li jkun attakkat f kawza ohra bis-sentenza eventwali f'din il-kawza. Kif huwa ben maghruf, is-sentenzi jifformaw biss stat fir-rigward tal-partijiet fil-kawza u l-ezitu ta' sentenza huwa res inter alios acta ghal haddiehor. Kif qalet l- istess Qorti fis-sentenza appena citata, il-partijiet li talbu l-intervent ghamlu t-talba ghal dan, inkwantu huma jibzghu li, galadarba jkun hemm ezitu ta' certu tip, dan l-ezitu jista' jkollu riperkussjonijiet fuq drittijiet li huma jivvantaw in konnessjoni ma' proprjeta` li ma ghandha x'taqsam xejn ma' dik li hija l-bazi tal-kawza de quo. Tali interess evidentement ma jistax jiggustifika intervent fis-sens tal-Artikolu 960 tal-Kap. 12, ghax altrimenti f'kull kawza li fiha jkollu jigi determinat xi punt legali ta' applikazzjoni piu` o meno generali jkun ifisser li kull min ghandu jew jista' talvolta jkollu kawza li tinvolvi b'xi mod dak il-punt ikun*

*jista' jintervjeni in statu et termini – din il-Qorti ma tahsibx li ghandha ghalfejn telabora fuq il-konfuzjoni li tinholoq fil-kawza li kieku dan kellu jkun hekk"*.

8. Il-Qorti tosserva kif:-

i. Sal-lum il-kawża ta' separazzjoni għadha pendenti. Skont l-Artikolu 43 tal-Kodiċi Ċivili, *"Bil-mewt tar-raġel jew tal-mara, ħlief fil-każ li fih is-sentenza tal-firda jista' jkollha l-effetti msemmijin fl-Artikoli 48 sa 52 inkluživament, tispiċċa l-azzjoni tal-firda, ukoll jekk il-mewt tiġri wara li tkun saret it-talba"*.

ii. Il-komunjoni tal-akkwisti spiċċat kif inħall iż-żwieġ.

iii. S'issa l-attur hu l-werriet ta' Sharon Psaila u dan bis-saħħa tat-testment *unica charta* li għamlet flimkien mal-attur fl-24 ta' Mejju 2002 fl-atti tan-Nutar Philip Said;

iv. L-attur talab lill-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja sabiex tordna t-trasfużjoni tal-ġudizzju f'ismu (ara rikors tad-19 ta' Frar 2019). Dan wara li falla t-tentattiv tiegħu sabiex il-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja tiddikjara li l-meritu tal-kawża kien eżawrit (ara rikors tal-24 ta' Jannar 2019). Talba miċħuda b'digriet tal-11 ta' Frar 2019.

v. Il-familjari ta' Sharon Psaila ppreżentaw kawża (rikors numru: 124/2019) b'talba sabiex dak it-testment ikun dikjarat null. Fit-tweġiba għar-rikors tal-appell reġgħu spjegaw li testment *unica charta* jista' jsir biss bejn il-miżżewġin u peress li, *"..... iż-żwieġ bejn il-partijiet gie dikjarat null ab initio anke t-testment unica charta li kien sar bejniethom huwa null ab initio stante li l-kunsens taż-żewġ partijiet kien vizjat stante li f'dak il-mument ġie stabbilit li ma kinux konjuġi stante li ż-żwieġ ġie annullat ab initio"*. Dik hi t-teżi tal-familjari ta' Sharon Psaila li għadha *sub judice*.

9. Probabbilment wara li l-Qorti ċaħdet ir-rikors tal-attur tal-24 ta' Jannar 2019, ir-rikors għat-trasfużjoni tal-ġudizzju sar bil-għan sabiex l-attur ikun jista' jirrinunzja għar-rikonvenzjoni. Bit-trasfużjoni r-rikonvenzjoni li kienet għamlet Sharon Psaila tkun tista' tgħaddi f'ismu (Art. 806 tal-Kap. 12). Ovvjament kawża ma tistax titkompla fejn l-attur u l-konvenut huma l-istess persuna.

10. Meta l-familjari ta' Sharon Psaila ppreżentaw ir-rikors sabiex jintervjenu fil-kawża ta' separazzjoni, spjegaw:

> *"Illi hija qed tagħmel it-talba sabiex ir-rikorrenti jiġu awtorizzati jintervjenu f'dawn il-proċeduri in status et terminis a bażi tal-artikolu 960 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *"Illi l-esponenti għandhom interess ġuridiku ċioe interess sostanzjali u dirett fil-kawża stante li t-talba tal-attur magħmula fir-rikors tiegħu tad-19 ta' Frar 2019 hija bażata fuq testment unica charta li kienu għamlu l-partijiet liema testment qed jiġi impunjat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili.*

> *"Illi fir-rikors tiegħu tad-19 ta' Frar 2019 l-attur qed jitlob lill-Qorti sabiex huwa jiġi dikjarat werriet tal-mejta konvenuta Sharon Psaila, xebba, u dan a bażi ta' dan it-testment unica charta li kien sar bejn il-partijiet.*
>
> *"Illi hija għalhekk huma għandhom interess li jipproteġu l-interessi tagħhom f'din il-kawża <u>stante li l-eżitu tat-talba li qed jagħmel l-attur fir-rikors tiegħu tad-19 ta' Frar 2019 jkollha effett ta' ġudikat dwarhom ukoll</u>"* (enfażi miżjuda).

11. Raġunament li rrepetew fit-tweġiba għar-rikors tal-appell. Il-Qorti ma taqbilx ma' dik it-teżi. F'dan l-istadju u sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni favurihom fil-kawża dwar l-impunjazzjoni tat-testment, l-appellati ma għandhomx interess f'din il-kawża. Għaldaqstant, il-Qorti m'hijiex sodisfatta li r-raġuni li taw l-appellati sabiex jintervjenu fil-kawża jagħtihom l-interess li trid il-liġi sabiex jintervjenu fil-kawża.

12. Dan apparti li s'issa l-werriet ta' Sharon Psaila hu l-attur. Hu minnu li l-appellati ipproponew kawża b'talba sabiex it-testment jiġi ddikjarat null. Madankollu s'issa għad hemm biss pretensjoni u xejn iktar. Madankollu jkun floku li f'dan l-istadju minħabba li l-kawża 124/2019 għadha pendenti, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tissoprasjedi milli tkompli tisma' l-kawża sakemm tingħata sentenza fil-kawża 124/2019.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tħassar id-digriet li tat il-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja fil-11 ta' Settembru 2019, u tiċħad it-talba sabiex il-familjari ta' Sharon Psaila jintervjenu fil-kawża. Tordna li l-atti tal-kawża jintbagħtu lura quddiem il-Qorti tal-ewwel grad li għandha tordna s-soprasessjoni tal-kawża

sakemm ikun hemm *res judicata* fil-kawża **Maria Viviana magħrufa bħala Vivien Psaila et v. Mario Aquilina** (rikors numru:124/2019).

Spejjeż a karigu tal-appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm